

Brussell, 23 ta' Mejju 2016
(OR. en)

9105/16

COPS 153
MAMA 81
MOG 62
CFSP/PESC 404
COHAFA 35
SY 4
COTER 55

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 23 ta' Mejju 2016

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 9104/16 COPS 152 MAMA 80 MOG 61 CFSP/PESC 403 COHAFA 34 SY
3 COTER 54

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Reġjonali tal-UE għas-Sirja u l-Iraq kif ukoll għat-theddida tad-Da'esh
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (23 ta' Mejju 2016)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Reġjonali tal-UE għas-Sirja u l-Iraq kif ukoll għat-theddida tad-Da'esh, kif adottati mill-Kunsill fit-3466 laqgħa tiegħu li saret fit-23 ta' Mejju 2016.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR L-ISTRATEĠIJA REĠJONALI TAL-UE GĦAS-SIRJA U L-IRAQ KIF UKOLL GĦAT-THEDDIDA TAD-DA'ESH

Kunsill Affarijiet Barranin, 23 ta' Mejju 2016

1. L-UE tafterma mill-ġdid l-impenn li għamlet għall-ewwel darba fl-Istrateġija Reġjonali tal-UE għas-Sirja u l-Iraq kif ukoll għat-theddida tad-Da'esh f'Marzu 2015 li tikseb paċi, stabbiltà u sigurtà dejjiema fis-Sirja, l-Iraq u r-reġjun kollu, filwaqt li ttejjem it-tbatija tal-poplu tas-Sirja u l-Iraq, u ttipreserva l-karattru multietniku, multireliġjuż u multikonfessjonali tas-soċjetajiet Sirjani u Iraqin kif ukoll il-wirt kulturali għani tar-reġjun. F'dan l-isforz, l-UE ser timmobilizza kull riżors politiku, ta' sigurtà u ta' żvilupp li jkun meħtieġ. L-UE hija impenjata bis-sħiħ li tipprovdi assistenza umanitarja skont il-prinċipji umanitarji. L-attenzjoni ser tkun ukoll fuq sforzi sostnuti biex jiġu indirizzati l-għeruq tal-flussi ta' refuġjati. Mill-bidu tal-konflitt l-UE u l-Istati Membri tagħha pprovdew €6.4 biljun biex jindirizzaw il-kawżi u l-konsegwenzi tiegħu. Il-ġlieda fit-tul kontra d-Da'esh teħtieġ l-indirizzar tal-kawżi politiċi u soċjoekonomiċi fundamentali li ffaċilitaw il-firxa tat-terroriżmu. L-UE ttenni l-appoġġ tagħha għall-Koalizzjoni Globali, li għandha l-għan li tkompli tiddegrada, u finalment tegħleb lid-Da'esh. L-UE tissottolinja għal darba oħra d-determinazzjoni tagħha biex tiproteġi ċ-ċittadini tal-UE mit-theddida terroristika li ġejja mid-Da'esh u minn organizzazzjonijiet terroristiċi oħra elenkati min-NU permezz ta' azzjoni konġunta tal-UE u l-Istati Membri.
2. L-UE rrieżaminat l-implimentazzjoni s'issa tal-istrateġija u tinnota li l-oġġettivi tagħha jibqgħu validi u għandhom jibqgħu jiġu segwiti. L-UE tinnota li ċ-ċirkostanzi nbidlu minn mindu seħħet l-introduzzjoni tal-Istrateġija. Sabiex tirrispondi, l-implimentazzjoni tal-Istrateġija għandha tadatta bil-mod stabbilit f'dawn il-Konklużjonijiet u b'koordinazzjoni mill-qrib mal-attivitajiet tal-Istati Membri f'konformità mal-Konklużjonijiet ta' Frar u Marzu 2015. L-UE u l-Istati Membri ser ikomplu jimplimentaw din l-Istrateġija Reġjonali għas-Sirja u l-Iraq kif ukoll għat-theddida tad-Da'esh u jistennew b'interess ir-rapport li jmiss ta' kull sitt xhur dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Marzu 2015.

Is-Sirja

3. L-UE ttenni l-impenn tagħha għall-għaqda, is-sovranità, l-integrità territorjali u l-indipendenza tal-Istat Sirjan u tappella lill-partijiet kollha tal-konflitt biex jibqgħu lura minn kull azzjoni li tista' twassal għall-firda u d-diżintegrazzjoni tal-pajjiż.
4. L-UE temmen, għalhekk, li l-proċess politiku mniedi mill-Grupp Internazzjonali ta' Appoġġ għas-Sirja, approvat b'mod unanimu mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u mmexxi min-Nazzjonijiet Uniti, huwa l-uniku mod biex jintemm konflitt ta' aktar minn ħames snin fis-Sirja u ser tagħmel dak kollu fis-setgħa tagħha biex tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tal-UNSCRs 2254, 2268 u l-Komunikat ta' Ġinevra. Tinħtieġ transizzjoni politika mmexxija mis-Sirjani u bi sjieda Sirjana li hija abbażi tal-prinċipji tal-Komunikat ta' Ġinevra biex tinkiseb paċi dejjiema fil-pajjiż, jingħeleb id-Da'esh fis-Sirja u biex is-Sirjani jkunu jistgħu jirritornaw fi djarhom f'kundizzjonijiet sikuri u jikkontribwixxu għall-kostruzzjoni mill-ġdid tal-pajjiż. L-UE tappella lill-partijiet kollha biex jappoġġaw b'mod attiv proċess li ser iwassal għal transizzjoni kredibbli u inklużiva. L-UE tħeġġeġ lir-reġim Sirjan biex fl-aħħar nett jistabbilixxi l-pjan tiegħu biex tassew jimplementa transizzjoni politika ġenwina. Ma jistax ikun hemm paċi dejjiema fis-Sirja taħt it-tmexxija attwali u sakemm ma jiġux indirizzati l-ilmenti u l-aspirazzjonijiet leġittimi tal-komponenti kollha tas-soċjetà Sirjana.
5. L-UE tilqa' l-eżitu tal-laqgħa ministerjali tal-ISSG fis-17 ta' Mejju u tinsisti dwar il-ħtieġa li l-membri kollha tal-ISSG jagħmlu dak kollu possibbli biex tissaħħaħ malajr l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-waqfien tal-ostilitajiet, l-aċċess umanitarju sikur fil-pajjiż kollu, inkluż permezz ta' tfieġ mill-ajru u pontijiet fl-arja fejn meħtieġ, u biex isir progress fil-kwistjoni tad-detenuati sabiex titħejja tkomplija kredibbli tat-taħditiet intra-Sirjani. Huma meħtieġa negozjati serji biex jintlaħaq ftehim sal-1 ta' Awwissu dwar transizzjoni politika ġenwina li tkun tinkludi korp governattiv transizzjonali inklużiv, miftuħ u mhux settarju bis-setgħat eżekuttivi kollha.

6. Għaldaqstant, l-UE ser issaħħaħ il-ħidma kollettiva tagħha biex:
- iżżid l-appoġġ attiv tagħna għall-isforzi inklużivi li għaddejjin tal-Mibgħut Speċjali tan-NU fl-iffaċilitar tan-negozjati intra-Sirjani, bħala membru attiv tal-Grupp Internazzjonali ta' Appoġġ għas-Sirja u fl-iżgurar li s-soċjetà ċivili u n-nisa jipparteċipaw b'mod attiv fil-proċess;
 - iżżid l-appoġġ lill-oppożizzjoni Sirjana, u b'mod partikolari lill-Kumitat tan-Negozjati Għolja (HNC), bħala d-delegazzjoni tal-oppożizzjoni fit-taħditiet organizzati min-NU f'Ġinevra, inkluż permezz tal-użu sħiħ tal-Inizjattiva Komprensiva għall-Paċi fis-Sirja. tinkoraġġixxi lill-HNC kemm biex ikompli jiżviluppa l-viżjoni tiegħu ta' transizzjoni politika u kif ukoll biex jinvolvi ruħu b'mod sħiħ fil-proċess ta' Ġinevra.
 - tinvolvi l-atturi reġjonali ewlenin biex jaħdmu lejn l-implimentazzjoni sħiħa tal-pjan direzzjonali tan-NU, u thegġegħ mill-ġdid lil dawk kollha b'influenza fuq il-partijiet, b'mod partikolari r-reġim tas-Sirja, biex jużaw din l-influenza ħalli jinkoraġġixxu rwol kostruttiv fil-proċess;
 - tappoġġa l-isforzi tat-task force tal-Grupp Internazzjonali ta' Appoġġ għas-Sirja fir-rivitalizzazzjoni u t-tisħiħ tal-waqfien tal-ostilitajiet kif ukoll il-ksib ta' waqfien mill-ġlied aktar mifruq. Il-waqfien tal-ostilitajiet huwa essenzjali mhux biss biex itaffi t-tbatija tal-poplu Sirjan iżda wkoll biex il-partijiet differenti jerġgħu jiksbu l-fiduċja fil-proċess politiku. L-UE tikkundanna l-attakki kollha kontra ċ-ċivili u l-infrastruttura ċivili, b'mod partikolari kontra faċilitajiet mediċi, skejjel, swieq u kampijiet ta' persuni spostati internament (IDP). L-UE tikkundanna bis-sħiħ dawn l-attakki eċċessivi u sproporzjonati mwettqa mir-reġim Sirjan kontra niesu stess. L-UE tfakkar li l-awtoritajiet Sirjani għandhom ir-responsabbiltà ewlenija biex jiproteġu lill-popolazzjoni fis-Sirja;
 - issaħħaħ il-kontribut tagħha għat-task force umanitarja tal-Grupp Internazzjonali ta' Appoġġ għas-Sirja, filwaqt li tkompli l-ħidma umanitarja fuq il-post, biex tiżgura aċċess umanitarju mingħajr ostakli għal dawk fil-bżonn u għar-rispett tad-dritt umanitarju internazzjonali mill-partijiet kollha. L-UE thegġegħ lir-reġim u lill-partijiet kollha fil-konflitt biex jagħtu aċċess umanitarju sħiħ u jtemmu x-xkiel għall-kunsinna rapida u sostnuta tal-għajnuna, inkluż ta' materjal mediku. L-użu tal-qtil bil-ġuħ taċ-ċivili permezz tal-assedju ta' żoni popolati li għalih ir-reġim iġorr l-akbar responsabbiltà, bħala tattika tal-ġwerra, imur kontra d-dritt internazzjonali. L-UE titlob ir-rilaxx immedjat ta' kull persuna detenuta b'mod arbitrarju, b'mod partikolari nisa u tfal, u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem għal kulħadd, inkluż għall-minoranzi reliġjużi u etniċi, mill-partijiet kollha fis-Sirja;

- tkompli tappoġġa l-azzjonijiet tal-Koalizzjoni Globali kontra d-Da'esh fis-Sirja u tikkundanna bil-qawwa l-attakki u l-atroċitajiet kollha li qed jitwettqu bla diskriminazzjoni mid-Da'esh u gruppi terroristiċi oħra elenkati min-NU kontra l-poplu Sirjan.
- issaħħaħ l-appoġġ tagħha lis-soċjetà ċivili Sirjana, ibda mir-reġjuni miżmuma mill-oppożizzjoni moderata, foqasma bħar-reżiljenza lokali, it-twassil ta' servizzi pubbliċi u l-governanza lokali, id-drittijiet tal-bniedem u d-dover ta' rendikont, il-konsolidazzjoni tal-paċi, kwistjonijiet tal-ġeneru u l-minoranzi, sabiex issaħħaħ il-kapaċità tagħha biex tipparteċipa fit-transizzjoni u l-istabbilizzazzjoni tal-pajjiż;
- tfitteż iżżid l-assistenza, filwaqt li tikkombina assistenza transkonfinali mal-appoġġ minn ġewwa s-Sirja u ser timmira lejn it-twassil ta' għajjnuna bħala parti minn sforz akbar biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-popolazzjoni madwar is-Sirja kollha u tinbena reżiljenza lokali.
- iżżid it-tħejjijiet tagħha għal parteċipazzjoni bikrija fl-isforz ta' rkupru u ta' riabilitazzjoni fis-Sirja biex tipprovdi appoġġ rapidu għall-istabbilizzazzjoni, ir-rikostruzzjoni u r-ritorn tar-refuġjati meta tintlaħaq transizzjoni politika, inkluż permezz ta' appoġġ lit-Task Force Interaġenzjali tan-NU fl-ippjanar u l-koordinazzjoni tagħha għal stabbilizzazzjoni wara li jintlaħaq ftehim.

7. Sa mill-bidu tal-konflitt, l-UE u l-Istati Membri tagħha appoġġaw lir-refuġjati Sirjani, l-IDP u l-komunitajiet ospitanti tagħhom fir-reġjun kollu. L-UE u l-Istati Membri tagħha għamlu kważi żewġ terzi mill-wegħdi tal-2016 fil-Konferenza dwar l-Appoġġ għas-Sirja u r-Reġjun f'Londra 2016, u ser jaħdmu lejn l-implimentazzjoni rapida ta' dawn l-impenji u fl-assistenza tal-gvernijiet fir-reġjun biex jiġi stimulat it-tkabbir ekonomiku u jiġu pprovduti għajxien, edukazzjoni, saħħa u opportunitajiet ta' impjieġ għar-refuġjati Sirjani sabiex il-poplu jingħata prospetti għal futur u jsiru l-preparamenti għar-ritorn tar-refuġjati f'pajjiżhom. L-UE ser tagħmel l-aħjar użu ta' kull strument disponibbli tagħha, b'mod partikolari l-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-UE b'reazzjoni għall-kriżi Sirjana (il-"Fond Madad"), li issa laħaq EUR 730 miljun f'finanzjament ikkombinat mill-UE u l-Istati Membri, sabiex tiġi indirizzata l-kriżi Sirjana u jitrażżnu l-effetti konsegwenzjali tal-instabbiltà fir-reġjun b'mod partikolari fil-Libanu, il-Ġordan u t-Turkija. L-UE tappella lil pajjiżi oħra biex isostnu u jżidu l-kontribuzzjonijiet proprji tagħhom b'reazzjoni għall-kriżi.

8. L-UE ttenni l-appoġġ qawwi tagħha għall-ġustizzja transizzjonali u d-dover ta' rendikont għall-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u l-vjolazzjonijiet serji kollha tad-Dritt Umanitarju Internazzjonali inkluż kwalunkwe wieħed li jista' jikkonstitwixxi delitt tal-gwerra mwettaq fis-Sirja mill-partijiet kollha, inkluż id-Da'esh, u ġġedded l-appell tagħha lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU biex jirreferi s-sitwazzjoni lill-Qorti Kriminali Internazzjonali. L-UE tilqa' t-tiġdid tal-mandat għall-Kummissjoni ta' Inkjesta u titlob il-kooperazzjoni tal-partijiet kollha, b'mod partikolari sabiex ir-reġim Sirjan jagħti l-aċċess neċessarju.

L-Iraq

9. L-UE tissottolinja l-impenn kontinwu tagħha lejn l-għaqda, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Iraq, li huma essenzjali għall-istabbiltà tal-pajjiż u tar-reġjun. L-UE ttenni l-appoġġ qawwi tagħha għall-gvern tal-Iraq u l-programm ta' riformi propost mill-Prim Ministru Haider Al-Abadi u tistieden lill-partijiet kollha biex iżommu u jirrispettaw il-funzjonament effettiv ta' istituzzjonijiet pubbliċi inklużivi f'konformità mal-kostituzzjoni. L-UE hija mħassba ħafna bis-sitwazzjoni politika interna u n-nuqqas ta' progress fl-implimentazzjoni tar-riformi u r-rikonċiljazzjoni, u tistieden lill-partijiet kollha, fil-livelli federali u reġjonali, biex juru lill-poplu Iraqi li jistgħu jwarrbu fil-ġenb l-interessi tagħhom infushom u jwettqu l-progress meħtieġ li l-pajjiż u l-poplu tiegħu jridu u jistħoqqilhom urġentement.
10. L-UE tara wkoll hteġa urġenti li jissaħħaħ il-funzjonament tal-istituzzjonijiet pubbliċi tal-Iraq. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jippruvaw jagħtu aktar appoġġ tekniku lill-Gvern Federali tal-Iraq biex itejjeb is-sigurtà u l-istat tad-dritt, jiġġieled kontra korruzzjoni mifruxa, itejjeb it-twassil ta' servizzi liċ-ċittadini Iraquin u joħloq dover ta' rendikont għall-awturi ta' abbużi u delitti.

11. L-UE tibqa' estremament imħassba bis-sitwazzjoni umanitarja li qed tiħżien fl-Iraq. Waqt li tirrikonoxxi li l-kampanji biex jiġu liberati aktar territorji mid-Da'esh ser ikomplu, l-UE ser iżżid l-għajjnuna umanitarja tagħha liċ-ċivili kollha milquta mill-konflitt, u tinsisti fuq il-ħtieġa li l-partijiet fil-konflitt jirrispettaw id-Dritt Internazzjonali, inkluż id-dritt umanitarju u dak dwar id-drittijiet tal-bniedem, kemm matul kif ukoll, fejn japplika, wara t-twettiq ta' ostilitajiet, u jiżguraw l-aċċess sikur u umanitarju mingħajr xkiel f'kull żona. Proċeduri ta' skrinjar għas-sigurtà għandhom ikunu konformi mal-liġi nazzjonali u internazzjonali, u l-kampijiet għandhom iżommu l-karattru ċivili u umanitarju tagħhom. L-UE tinsisti li r-ritorn ta' persuni spostati internament lejn il-pajjiżi tal-oriġini għandu jsir b'mod sikur, informat, volontarju u nondiskriminatorju, skont l-istandards tal-protezzjoni internazzjonali. Barra minn hekk, l-UE, flimkien mal-awtoritajiet Iraġin, ser tindirizza problemi reċiproċi fir-rigward tal-migrazzjoni permezz tad-djalogu.

12. Minħabba l-fatt li l-momentum tal-kampanja militari jeħtieġ ikompli, l-istabbilizzazzjoni immedjata u b'suċċess taż-żoni liberati mid-Da'esh hija ta' prijorità għolja bħala prekondizzjoni għar-ritorn volontarju u sikur tal-persuni spostati internament u bażi għar-rikonċiljazzjoni fil-livell lokali u nazzjonali. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jesploraw iktar appoġġ għall-proċess ta' stabbilizzazzjoni, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Gvern Federali Iraġi u l-awtoritajiet lokali Iraġin, l-UNAMI u l-Koalizzjoni Globali, inkluż permezz tal-Faċilità ta' Finanzjament għall-Istabbilizzazzjoni Immedjata (FFIS) u l-Faċilità ta' Finanzjament għall-Istabbilizzazzjoni Msaħħa (FFES) tal-UNDP. L-attenzjoni ser tkun fuq it-tneħħija ta' mezzi esplożivi, l-aċċess għas-servizzi bażiċi, l-għoti ta' għajxien, l-istat tad-dritt u l-appoġġ għas-settur tas-sigurtà, inkluż it-taħriġ tal-pulizija. L-UE ser iżżid il-koordinazzjoni u s-sinerġiji mal-attivitajiet tal-Istati Membri fil-qafas tal-Koalizzjoni Globali. Hija tenfasizza li s-sehem tan-nisa u t-tiħiħ tal-pożizzjoni tagħhom huma għan ewlieni fl-isforzi kollha għall-istabbilizzazzjoni u l-iżvilupp. Il-Kunsill jistenna b'interess l-għażliet, li s-SEAE ser jippreżenta dalwaqt, għal involviment imsaħħaħ b'appoġġ għall-istabbilizzazzjoni fit-tul, b'mod partikolari fl-oqsma tal-istat tad-dritt u s-settur tas-sigurtà, li jikkunsidraw l-istrumenti kollha disponibbli, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2015 u l-kompiti tar-Rappreżentant Għoli fil-Kunsill Affarijiet Barranin ta' Jannar 2016. Dan l-appoġġ ser ikun essenzjali biex jiġu kkonsolidati l-kisbiet militari kontra d-Da'esh.

13. L-UE għal darba oħra tikkundanna mingħajr riżerva l-ksur tal-liġi umanitarja internazzjonali, l-atroċitajiet, il-qtil u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem li wettaq id-Da'esh fl-Iraq. Dawn affettwaw lill-Iraqin kollha. Waqt li l-vittmi prinċipali ta' dawn l-atti kienu Musulmani, kienu fil-mira b'mod partikolari gruppi ta' minoranza etnika u reliġjuża bħall-Yezidis, l-Insara u t-Turkmeni. L-UE ser tħabrek biex issaħħaħ l-appoġġ tagħha għall-vittmi tad-Da'esh kif ukoll għall-gvern tal-Iraq sabiex iressaq quddiem il-ġustizzja l-allegati awturi ta' delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità. Ser tesplora wkoll aktar appoġġ għall-isforzi ta' konsolidazzjoni tal-paċi mis-soċjetà ċivili. L-UE ttenni l-appell tagħha lill-Iraq biex jaderixxi mal-Istatut ta' Ruma.
14. Minħabba d-diffikultajiet finanzjarji u baġitarji li qed jiffaċċa l-Iraq, l-UE ser tesplora aktar mezzi biex tgħin lill-Gvern Federali Iraq u l-Gvern Reġjonali tal-Kurdistan jirkupraw is-saħħa ekonomika u finanzjarja, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-FMI u l-Bank Dinji, b'mod partikolari permezz ta' appoġġ għar-riforma tas-sistemi tal-finanzjament pubbliku u l-ġestjoni makroekonomika. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-BEI biex jikkunsidra proġetti ta' investiment vijabbli fl-Iraq ladarba l-Ftehim Qafas Operattiv ikun fis-seħħ. F'dan il-kuntest, l-UE tteġġeg lill-Gvern tal-Iraq u l-Gvern Reġjonali Kurd biex iwarrbu d-differenzi ta' bejniethom, jiżguraw it-tqassim trasparenti u ekwu tar-riżorsi taż-żejt u tal-gass, u jżidu l-isforzi tagħhom biex jiġġieldu l-korruzzjoni.
15. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jimpenjaw ruħhom mal-ġirien tal-Iraq, inkluż l-Iran, il-Ġordan, it-Turkija u l-pajjiżi tal-Golf, u jistednuhom jaqdu rwol kostruttiv fl-istabbilizzazzjoni u r-rikonċiljazzjoni fl-Iraq. L-appoġġ reġjonali għall-programm ta' riforma tal-PM Abadi huwa kruċjali.

Il-ġlieda kontra d-Da'esh

16. Id-Da'esh huwa theddida ċara għall-popli tas-Sirja, tal-Iraq u tal-pajjiżi l-oħra fir-reġjun, bħal-Libja, kif ukoll għall-Ewropa u lil hinn minnha. L-UE u l-Istati Membri tagħha jikkundannaw mingħajr riżerva u, b'konformità mal-UNSCR 2249, ser ikomplu jinvolvu ruħhom b'modi biex jiġu evitati l-attakki indiskriminati u mmirati, l-atroċitajiet, il-qtil, l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u ksur ieħor tad-dritt umanitarju internazzjonali mwettqa mid-Da'esh u minn gruppi terroristiċi oħra elenkati min-NU. L-UE lesta wkoll tappoġġa l-isforzi internazzjonali biex jitwaqqfu u jiġu miġġielda l-ħsara jew id-distruzzjoni, is-sakkeġġi, il-kuntribandu u t-traffikar illeċitu tal-wirt kulturali arkeoloġiku. L-UE tilqa' s-suċċessi reċenti tal-Koalizzjoni Globali kontra d-Da'esh u tagħraf il-potenzjal ta' aktar suċċess permezz tat-tkomplija tal-kooperazzjoni mill-UE u l-Istati Membri. L-UE ser tadatta l-azzjonijiet tagħha għat-tibdil fin-natura tat-theddida tad-Da'esh.
17. L-UE u l-Istati Membri tagħha jtennu l-impenn tagħhom favur l-isforzi tal-Koalizzjoni Globali kontra d-Da'esh, inkluż permezz ta' kopresidenza u sehem attiv fil-gruppi ta' ħidma tal-Koalizzjoni, kif ukoll il-kooperazzjoni tagħhom mal-imsieħba fil-qafas tal-Forum Globali Kontra t-Terroriżmu.
18. L-UE tissottolinja l-importanza tal-approċċ komprensiv fit-tul għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti, li jimmira lejn l-eliminazzjoni tal-għerqu tagħhom. L-UE hi determinata li ċċaħħad lid-Da'esh mill-kenn tiegħu u mill-għejjun tiegħu ta' finanzjament u provvista billi ssaħħaħ l-għodod tagħha għall-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali. L-UE hija impenjata wkoll li tipprevjeni lid-Da'esh u l-affiljati tiegħu milli jestendu l-portata tagħhom f'pajjiżi terzi. L-UE ser tkompli ssaħħaħ l-azzjoni tagħha kontra t-terroriżmu, u tikkoordina l-aspetti esterni u interni, kif ġej:
- iżżid il-kooperazzjoni fis-sigurtà u kontra t-terroriżmu permezz ta' involviment f'livell għoli mal-pajjiżi tal-MENA, it-Turkija, il-Balkani tal-Punent u organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali li jinkludu l-GCC u l-LAS biex jintemmu t-tixrid tad-Da'esh u l-fluss ta' ġellieda terroristi barranin u ta' fondi u armi, b'rispett sħiħ għall-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem.

- ittejjeb il-kontribut tagħha għall-Koalizzjoni Globali kontra d-Da'esh billi tkompli tappoġġa, inkluż permezz tas-sħubija tagħha fihom, lill-Gruppi ta' Ħidma sabiex inaqqsu l-flussi ta' ġellieda barranin, jistabbilizzaw żoni liberati, joħonqu l-finanzi tad-Da'esh u jirribattu l-messaġġi tad-Da'esh; u tappoġġa lill-pajjiżi fir-reġjun fl-implimentazzjoni tar-riżoluzzjonijiet kollha rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. F'konformità mal-UNSCR 1373 li jipprovdi gwida għal approċċ nazzjonali kontra d-Da'esh u mal-UNSCR 2253 (2015) l-UE hija impenjata li timplimenta s-sanzjonijiet awtonomi tan-NU u tal-UE li jimmiraw id-Da'esh u l-affiljati tiegħu sabiex ifixklu t-tmexxija tal-organizzazzjoni u jisfrattaw in-netwerks ġiħadisti.
- issaħħaħ l-assistenza teknika tagħha lejn pajjiżi terzi fl-iżvilupp ta' strateġiji nazzjonali għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tas-SĠNU, u tappoġġa l-Pjan ta' Azzjoni tas-SĠNU matul ir-reviżjoni tal-Istrateġija tan-NU għall-Ġlieda kontra t-Terroriżmu f'Ġunju.
- tindirizza r-riskji Kimiċi, Bijoloġiċi, Radjoloġiċi, Nukleari u tal-Isplussivi relatati f'dan ir-reġjun bil-mezzi kollha disponibbli, kif ukoll it-traffikar illegali u d-devjazzjoni tal-armi, b'mod partikolari armi ħfief u ta' kalibru żgħir, sabiex jikkontribwixxu għall-istabbiltà u s-sigurtà fir-reġjun.
- issaħħaħ il-ħidma tagħha fil-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni fi ħdan il-Koalizzjoni Globali kif ukoll f'kooperazzjoni mal-pajjiżi Musulmani, bil-kondiviżjoni tal-aħjar Prattiki, it-titjib tal-kooperazzjoni tal-UE mal-operaturi tal-Internet u l-mezzi soċjali, il-promozzjoni tad-djalogu interkulturali u interreliġjuż bil-għan li tinqered ir-radikalizzazzjoni u li titħeġġeġ it-tolleranza, ikun hemm impenn mal-mexxejja taż-żgħażaġh, u jittejbu l-ħolqien ta' kuntatt u l-komunikazzjoni strateġika, inkluż permezz tal-Grupp Konsultattiv għall-Komunikazzjoni Strateġika dwar is-Sirja, iċ-Ċellola ta' Komunikazzjoni tal-Koalizzjoni Globali, l-Istitut Internazzjonali għall-Ġustizzja u l-Istat tad-Dritt, iċ-Ċentru ta' Hedayah u l-Fond Globali għall-Involviment u għar-Reżiljenza tal-Komunità f'Ġinevra, u n-Netwerk ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni.
- issaħħaħ il-ġlieda kontra l-ġellieda barranin, b'mod partikolari permezz ta' kontrolli mtejbja fil-fruntieri esterni permezz ta' kontribut koordinat u sistematiku għall-fajls adatti (Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen II, Europol, Dokumenti tal-Ivvjaġġar Misruqa u Mitlufa).

- issaħħaħ l-isforzi tagħha maħsuba biex jisfrattaw il-finanzjament tat-terroriżmu permezz tat-tħaffif tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, b'mod partikolari l-iffriżar tal-assi tat-terroristi, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-kummerċ illeċitu taż-żejt u ta' beni kulturali. Tapprofondixxi l-appoġġ lir-reġjun sabiex jikkonforma mar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja u l-provvista ta' inizjattivi ta' għajjnuna teknika lir-regolaturi u l-awtoritajiet finanzjarji fir-reġjun.
